# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta**
**Ħamsa u għoxrin (25) ta' April 2023**

**Rikors Numru 316/2023 FDP**

Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Nru 1701/22
maħruġ fis-7 ta' Diċembru 2022
fl-ismijiet

**Paul Falzon (ID 422060M)**
**u**
**Tlata Contractors Limited (C 39847)**

**Vs**

**Paula sive Pauline Debono (ID 676160M)**

**Il-Qorti;**

1. Rat ir-rikors għall-ħruġ ta' Kontro Mandat ippreżentat fit-3 ta' Marzu 2023, fejn ir-rikorrenti talbet:

   *"illi l-Mandat għandu jiġi revokat minħabba li l-ammont mitlub ma' hux prima facie ġustifikat u dan a tenur tal-Artikolu 836 (1) (d) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta"*

2. Rat id-dokumentazzjoni ppreżentata mir-rikorrenti, fosthom kopja tar-Rikors Ġuramentat 1153/22GM fl-istess ismijiet.

3. Rat illi fit-23 ta' Marzu 2023, il-Qorti appuntat ir-rikors għat-trattazzjoni għat-3 ta' April 2023.

4. Rat illi fl-14 ta' Marzu 2023 daħlet ir-risposta ta' l-intimati Paul Falzon u Tlata Contractors Limited, li permezz tiegħu l-intimati laqgħu għal dak mitlub billi qajjmu s-segwenti difiżi:

    a. Il-format tar-rikors huwa żbaljat, peress illi jitlob il-ħruġ ta' kontro Mandat u mhux ir-revoka tal-Mandat skond l-Artikolu 836 tal-Kap 12.

    b. Ir-rikors odjern irid jiġi deċiż mill-Qorti illi fiha qiegħda tintalab il-pretenzjoni bejn il-partijiet, ossija ir-rikors ġuramentat 1153/2022 GM.

    c. Il-Mandat ta' Sekwestru inħareġ korrettement, peress illi inħareġ sabiex jikkawtela dritt illi l-intimati kienu qed jippretendu fil-konfront tar-rikorrenti odjerni u ma inħariġx b'mod abbużiv.

5. Semgħet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet, illi saret fit-3 ta' April 2023, wara liema trattazzjoni il-kawża ġiet differita għal-lum għad-digriet finali.

## Ikkunsidrat

6. Jirriżulta illi l-intimati Paul Falzon u Tlata Contractors Limited fetħu proċeduri kontra Paula sive Pauline Debono, Rikors Ġuramentat nru 1153/22GM, fis-7 ta' Diċembru 2022, fejn għamlu referenza għal-pretensjoni illi r-rikorrenti odjerna, Paula sive Pauline Debono, qiegħda tagħmel fil-konfront tagħhom, fl-ammont ta' €289,000, u li huwa l-meritu ta' kawża 714/2020 MH, u talbu illi lill-Qorti tiddikjara li l-pretensjoni tar-rikorrenti odjerna hija frivola u vessatorja, u għalhekk kellha tiġi dikjarata responsabbli għad-danni minnhom sofferti, li tagħhom kellha tiġi kkundannata tħallas – ebda indikazzjoni ma ġiet mogħtija dwar l-ammont ta' danni pretiżi mill-intimati odjerni.

7. Jirriżulta illi, kontestwalment mal-preżentata ta' tali kawża, l-intimati odjerni ippreżentaw ukoll Mandat ta' Sekwestru Nru 1701/22, li huwa l-meritu tar-rikors għal kontro mandat odjern, fejn, filwaqt illi saret referenza għall-kawża fuq imsemmija minnhom magħmula, ġie indikat illi l-ammont li kellu jiġi kkawtelat kien jammonta għal €1,200,000.

8. Jirriżulta illi r-rikorrenti odjerna qiegħda tikkontendi illi tali ammont huwa wieħed li ma huwiex prima facie ġustifikat jew huwa eċċessiv, skond kif intimat fl-Artikolu 936 (1) (d) tal-Kap 12.

9. Jirriżulta illi l-intimati odjerni, oġġezzjonaw għal tali talba abbażi ta' tlett argumentazzjonijiet, illi l-Qorti ser tgħaddi biex teżamina.

## It-talba hija għal ħruġ ta' kontro mandat u mhux ta' revoka tal-Mandat

10. Jidher illi l-intimati qed joġġezzjonaw għal fatt illi r-rikorrenti għamlet tali rikors permezz tal-Formula ta' Kontromandat (Nru. 28), liema formula tuża l-kliem "*tordna l-ħruġ ta' opportun kontro mandat*" u jikkontendu illi tali kliem ma jirriflettux it-talba li qiegħda ssir attwalment mir-rikorrenti a tenur tal-Artikolu 836 (1) (d) tar-revoka tal-Mandat.

11. Il-Qorti tosserva illi, inċidentalment, jidher illi anke l-intimati stess, preċedentement, permezz ta' Rikors Nru 729/20 JRM, kienu ppreżentaw kontro mandat bl-istess formula

għal Mandat ta' Sekwestru Nru 1027/20 illi kienet ħarġet fil-konfront tagħhom Paula Debono, iżda dakinhar ma jidhirx illi kellhom xi problema dwar id-diċitura tal-formula għal dak illi kienu qed jitolbu, illi kien prattikament l-istess għal dak illi qed jintalab permezz tar-rikors odjerni.

12. Il-Qorti tirrileva ili huwa ċar li l-Formula Nru 28 qiegħed jitlob għal Revoka ta' Mandat ta' Sekwestru Nru 1701/22, u ma jista' jkun hemm ebda dubju dwar dan.

13. Għalhekk, tali argumentazzjoni ma ssib ebda konfort minn dina l-Qorti u qed tiġi respinta.

**L-inkompetenza ta' dina l-Qorti peress illi r-rikors odjern kellu jiġi ppreżentat quddiem il-Qorti illi kienet qed tisma' l-każ.**

14. Jirriżulta illi l-intimati qed jikkontendu illi r-rikors odjern kellu jiġi trattat u deċiż mill-Qorti illi qed tisma' l-kawża Rikors Ġuramentat 1153/22 GM, u mhux din il-Qorti kif komposta, u għal dan il-għan għamlet referenza għal dak dikjarat fl-Artikolu 836 tal-Kap 12, biex tiġġustifika tali difiża.

15. Jirriżulta illi l-Artikolu 836 (1) jipprovdi dan li ġej:

> *Mingħajr ebda preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt dan il-Kodiċi jew kull liġi oħra, l-intimat li jkun inħareġ att kawtelatorju kontrih jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun ħarġet l-att kawtelatorju, jew inkella, **jekk tkun saret kawża, jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun qegħda tittratta dik il-kawża** li fih jitlob li l-att kawtelatorju jiġi revokat, sew għal kollox jew f'parti minnu, għal xi waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:*

16. Jirriżulta illi huwa ċar illi tali rikors kellu jinġieb quddiem il-Qorti illi qiegħda tisma' l-kawża 1153/22GM u mhux dina l-Qorti, liema nuqqas, madanakollu, jaf kien żball amministrattiv mir-Reġistru tal-Qorti, li għaliha ma għandhiex taħti r-rikorrenti. Dana qiegħed jingħad, għax dawna huma Qrati ta' Ġustizzja u mhux Qrati ta' Burokrazija, u għalhekk, sakemm ir-rikors inġieb quddiem il-Qorti fejn ġew intavolati l-proċeduri odjerni, ossija il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, il-fatt illi ma huwiex qiegħed jinstema' mill-istess Ġudikant ma għandux itellef lir-rikorrenti milli jiġi meqjus u deċiż ir-rikors odjern.

17. Għalhekk, din il-Qorti ser tipproċedi biex tqis u tiddeċiedi tali rikors.

**Il-Mandat ta' Sekwestru inħareġ sabiex jikkawtela d-drittijiet tagħhom skond kif redatti fil-kawża minnhom intavolata.**

18. L-intimati jikkontendu illi l-Mandat ta' Sekwestru inħareġ bħala riżultat tal-kawża illi huma kienu għamlu kontestwalment kontra r-rikorrenti, u għalhekk kien inħareġ korrettement.

19. Ir-rikorrenti, da' parte tagħha, tikkontendi illi 'prima facie', l-ammont indikat fil-Mandat ta' Sekwestru, ossija "Sorte" ta' miljun u mitejn elf (€1,200,000) ma huwiex wieħed ġustifikat u ċertament huwa eċċessiv, u kien għalhekk illi hija talbet ir-revoka tiegħu.

20. Il-Qorti, hawnhekk, tosserva illi kif korrettement indikaw l-intimati, huma intavolaw il-Mandat ta' Sekwestru meritu tar-rikors odjern kontestwalment mar-Rikors Ġuramentat

1153/22GM minnhom ippreżentat, u di fatti kemm il-Mandat ta’ Sekwestru u r-Rikors Ġuramentat ġew ippreżentati fis-7 ta’ Diċembru 2022.

21. Il-Qorti tosserva wkoll illi l-intimati ġġustifikaw is-somma minnhom kawtelata billi qalu illi hija l-meritu tal-kawża minnhom redatta.

22. Il-Qorti tirrileva, madanakollu, illi ħarsa, anke fuq bażi prima facie, tar-Rikors Ġuramentat Nru 1153/22GM ippreżentat mill-intimati **imkien** ma tagħmel referenza għal ebda valur ta’ €1,200,000.

23. Il-Qorti tosserva, di fatti, illi fir-Rikors Ġuramentat ma tissemma ebda somma pretiża, u di fatti ġiet intaxxata fil-preżentata tagħha bil-valur bażiku tad-dritt tar-Reġistru, ossija €700.

24. Jidher ċar, għalhekk, illi, filwaqt illi l-intimati għażlu illi jippreżentaw Mandat ta’ Sekwestru fejn indikat ‘sorte’ ta’ €1,200,000, meta d-dritt tar-Reġistru ma jiġix intaxxat skond il-valur, fejn jirrigwarda l-kawża per se, għażlu illi ma jindikaw ebda valur, u dana sabiex ma jħallsux Dritt Reġistru ogħla mill-minimu stabbilit fil-Liġi.

25. Il-Qorti tosserva illi, filwaqt illi l-intimati kellhom kull dritt illi jagħżlu li ma jindikawx somma fir-Rikors Ġuramentat, irrispettivament minn jekk tali għażla kinetx dettata mill-fatt li ma ridux iħallsu Dritt Reġistru ogħla mill-minimu stabbilit fil-Liġi, jew għal raġunijiet lilhom magħrufa, il-fatt illi huma naqsu milli jindikaw somma fir-Rikors Ġuramentat, liema Rikors Ġuramentat huma sussegwentement indikaw li kien il-bażi tal-ħruġ tal-Mandat ta’ Sekwestru meritu tar-rikors odjern, ifisser illi, ‘prima facie’ il-pretensjoni ta’ €1,200,000 indikata fil-Mandat ta’ Sekwestru meritu tar-rikors odjern, ma jidhirx illi hija ppruvata.

26. Għaldaqstant, ladarba l-intimati ma ndikawx kemm kienet il-pretensjoni tagħhom fir-Rikors Ġuramentat, dak ifisser illi ‘prima facie’ ma huwiex ġustifikat illi jitolbu l-ħruġ ta’ Mandat ta’ Sekwestru fl-ammont ta’ €1,200,000, kif attwalment huma talbu u ottjenew fis-7 ta’ Diċembru 2022, dakinhar illi ppreżentaw ir-Rikors Ġuramentat Nru 1153/2022GM.

27. Għalhekk, it-talba tar-rikorrenti abbażi tal-Artikolu 836 (1) (d) sabiex titlob il-ħruġ ta’ kontro mandat għall-Mandat ta’ Sekwestru Nru 1701/22 peress illi ma huwiex prima facie ġustifikat timmerita illi tiġi kkunsidrata favorevolment minn dina l-Qorti.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti,**

Wara illi rat l-atti u semgħet it-trattazzjoni ta’ l-abbli difensuri tal-partijiet;

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tilqa’** t-talba tar-rikorrenti kif dedotta u, abbażi tal-Artikolu 836 (1) (d) tal-Kap 12,

**Tordna** ir-revoka tal-Mandat ta’ Sekwestru Nru 1701/22 u għalhekk:

**Tordna** l-ħruġ ta’ Kontro Mandat skond il-Liġi.

**Spejjeż** tal-proċeduri odjerni ikunu kollha a kariku ta' l-intimati in solidum bejniethom.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**